Qorti tal-Magistrati (Malta)

Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

Magistrat Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.

Il-Pulizija

[Spettur Yvonne Farrugia]

[Spettur Rennie Stivala]

vs

Dylan Difesa

Kumpilazzjoni Numru: 869/2015

Illum, 4 ta' Dicembru, 2023

Il-Qorti;

Rat l-akkuzi migjuba kontra Dylan Difesa detentur tal-karta tal-identità numru 37687M akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, bejn ix-

xhur ta' Jannar 2015 u Awwissu 2015, b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. Irrenda ruhu komplici billi kkorrompa ufficcjal jew impjegat pubbliku f'kaz ta' korruzzjoni hekk kif imsemmi fl-Artikolu 115 (a), (b) u (c) tal-Kap. 9;

2. Irceva jew accetta xi offerta jew weghda ta' xi vantagg mhux xieraq ghalih innifsu jew ghal xi hadd iehor bil-ghan li tesercita xi influwenza mhux xierqa bhalma hemm imsemmi fl-Artikolu 121A subartikolu (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Irrenda ruhu komplici fl-ghoti ta' dikjarazzjonijiet foloz jew taghrif falz lil Awtorita' Pubblika a tenur ta' l-artikoli 42 u 188 tal-Kapitolu 9, Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-Ligi, tapplika l-provvedimenti ta' l-Artikolu 119 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputata sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat ir-rikors kongunt tal-Avukat Generali u tal-imputat Dylan Difesa ai termini tal-Artikolu 392A(5) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fejn sar qbil fuq il-piena li ghandha tigi inflitta fuqu;

Rat l-ammissjoni libera u inkondizzjonata tal-imputat;

Illi din il-Qorti tikkonkorda mar-rikors kongunt imsemmi.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 120(1), 115(1)(c), 121A(2), 42, 188 u 119 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed issib lill-imputat Dylan Difesa hati tal-akkuzi kollha u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundannah ghal sentejn (2) prigunerija sospizi ghal erba' (4) snin kif ukoll ghal multa ta' elf ewro (€1000) ai termini tal-Artikolu 188 tal-Ligijiet ta' Malta pagabbli fi zmien sitt (6) xhur.

Inoltre u a bazi tal-Artikolu119 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta il-Qorti qed tikkundanna wkoll lill-imputat Dylan Difesa ghal interdizzjoni generali u perpetwa.

Finalment, spjegat fi kliem semplici lill-imputat ir-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

----------------------------------------

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**

**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**

**Deputat Registratur**